# APPREZZAMENT (1)

## Kan. Anton Buttigieg
1921 - 2011



Nhar il-Ħadd, 16 ta' Jannar 2011, wara diversi xhur irtirat fid-dar tiegħu, imdawwar b'għożża u mħabba kbira minn neputijiet u pro neputijiet tiegħu, Il-Kanonku Dun Anton Buttigieg, Dekan mhux biss tal-Kolleġġjata tan-Nadur, imma dekan tas-Saċerdoti sħabu, għax proprju nhar is-Sibt, 15 ta' Jannar 2011, lejlet it-tluq tiegħu lejn l-Eternitá laħaq l-eta´ ta' 90 sena, erbgħa u sittin minnhom bħala Saċerdot, ħalla dan il-wied tad-dmugħ, biex għal dejjem jingħaqad mal-Mulej li sejjaħlu biex jimxi warajh bħala Saċerdot fil-għalqa Tiegħu, il-Knisja.

Il-Kanoniku Dun Anton Buttigieg, sa minn ċkunitu, żamm l-għeruq tiegħu fil-valuri nsara li twieled u trabba fihom fi ħdan il-familja tiegħu, u kompla jissoda fihom fil-formazzjoni tiegħu fis-Seminarju Djoċesan, prinċipji u valuri nsara li baqgħu jiddistingwuh tul ħajtu kollha.

Kien dak is-Saċerdot iddedikat 'l Alla u lill-Knisja, li ma kienx joqgħod jikkalkula x'jaqbel jew ma jaqbilx lilu, imma sakemm wasal għall-età tax-xjuħija, xeħet lilu nnifsu għas-servizz tal-Knisja. Għadni naraħ fil-konfessjunarju tiegħu, fis-Sibtijiet, lejliet u nhar l-ewwel Ġimgħat tax-xahar, għal ħin twil, jisma' u jaħfer id-dnubiet, jikkonsla tant erwieħ li kienu jersqu għandu, u jagħti l-pariri.

Bħala nisrani, u izjed minn hekk, bħala Saċerdot, Dun Anton kien dejjem lest biex jgħix u jiddefendi t-tagħlim tal-Knisja. Qalbu dejjem miftuħa għal dawk li mimli esperjenza, kienu jitolbuh xi parir. Kien hemm għal kulħadd. Min jaf kemm sigħat qattajna ma' xulxin, fil-kumpanija ta' saċerdoti, kbar u żgħar mill-parroċċa tagħna, nitgħallmu mill-esperjenza tal-ħajja twila saċerdotali tiegħu. Kien bniedem intelliġenti, jaqra u jsegwi dak kollu li jkun għaddej fil-Knisja u fid-dinja.

Dun Anton twieled fil-15 ta' Jannar 1921 fi ħdan familja numeruża ta' mhux inqas minn tmien ulied. Kif kien jirrakkonta hu stess, għex it-tfulija tiegħu fil-faqar tal-gwerra. Daħal fis-Seminarju, fejn kompla tiela' targa waħda wara l-oħra, sakemm fil-31 ta' Mejju tas-sena 1947, flimkien ma' tliet Saċerdoti oħra wlied il-parroċċa tagħna, li kienu, il-mejtin Kanoniċi Onorarji, Dun Ġwann Mejlak u l-aħwa Dun Pietru u Dun Pawl Zerafa, ġie ordnat Saċerdot mill-E.T. Mons. Isqof Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-Kolleġġjata tagħna.

Fl-ewwel erba' snin wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, Dun Anton ta servizz pastorali fil-knisja tal-lokal, u bħala Direttur tal-Azzjoni Kattolika, kien ta' għajnuna kbira lill-Arċipriet il-Kan. Dun Ġużepp Cassar, speċjalment fit-tagħlim tad-duttrina lit-tfal tal-Parroċċa. Ħa l-pussess ta' Kanonku fl-10 ta'Ġunju tas-sena 1951. Fi ħdan il-Kapitlu matul is-sittin sena li dam kanonku, l-Kanoniku Buttigieg serva lill-Kolleġġjata, l-ewwel bħala Segretarju Kapitulari għal 15-il sena sħaħ, imbagħad beda tiela', sakemm okkupa d-dinjità ta' Teżorier, Kantur u fl-aħħar, Dekan tal-istess Kapitlu.

Matul dawn is-snin kollha, avolja laħaq l-età ta' ġubilat, Dun Anton wettaq dmiru lejn il-Kolleġġjata. Dejjem kien jassisti flimkien ma' sħabu l-oħra fil-kor, jieħu sehem attiv fil-funzjonijiet kollha, u b'ċerta skrupolozità, kien jassisti għas-siegħa tal-Adorazzjoni ta' kull nhar ta' Ħamis.

Fuq kollox, Dun Anton kien bniedem ta' talb. Ta' kull fil-għaxija, anke' meta beda jħoss it-toqol tas-snin, kont taraħ iterraq dejjem lejn il-knisja, biex flimkien mas-saċerdoti sħabu jingabar u jirreċitaw flimkien l-Uffizzju u r-Ruzarju, li kien jgħidu b'devozzjoni kbira. Il-Quddiesa, kienet għalih dik it-talba l-iktar għażiża tal-ġurnata.

L-għaziz ħuna fis-Saċerdozju l-Kan. Dun Anton Buttigieg, obda l-aħħar sejħa tal-Mulej, meta nhar il-Ħadd, 16 ta' Jannar 2011, fil-għaxija, sejjaħlu għal għandu, biex jagħtih il-premju tant mistħoqq għall-ħidma twila tiegħu bħala saċerdot. Is-saċerdot ma jmut qatt, il-ġid u l-opri kollha li jkun wettaq matul il-ħajja saċerdotali tiegħu jibqgħu għal dejjem. Hu mhux mejjet, imma dejjem ħaj fi' ħdan il-Mulej u fil-qalb, il-moħħ u fuq kollox it-talb ta' qrabatu u tagħna ħutu fis-Saċerdozju.

Ċerti mit-talb tiegħu għalina, aħna nwegħduh li nibqgħu niftakru fih u nitolbu għalih, sakemm ġurnata nerġgħu niltaqgħu f'Ġerusalemm tas-Sema. Nagħti l-għomor lin-neputijiet ta' Dun Anton, b'mod speċjali lil Kan. Penitenżier Karm Buttigieg u lill-familjari l-oħra tiegħu.

*Mons. Ġużeppi Cauchi*